MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Talba Numru. 25/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Rita Cordina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u zewg liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm302.32) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21550603 (Account No. 10226701) liema servizz gie installat fil-flat bin-numru tnejn (2) formanti parti mill-blokk ta’ flats bl-isem “Maria Flats” fi Triq tan-Nahla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-*service agreement* hawn anness u immarkat bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.”

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu taghha jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-30 ta’ Marzu 2003 meta l-kapitoli gew ipprezentati minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici u approvati mit-Tribunal u lanqas dik tal-lum, minghajr ma gabet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra taghha fis-seduta tal-lum, u ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m’ghandhomx jitqiesu ammessi u mitqiesa bhala mistqarra;

U billi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata;
Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u ghaldaqstant jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta’ LM302.32 ammont dovut in konnessjoni ma’ servizz telefoniku pprovdut mis-socjeta’ attrici, bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas affettiv, bl-ispejjez komprizi l-VAT fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------